MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 376/2004

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati**
**kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 1998, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li twieldu, rispettivament, fil-15 ta' Ottubru 1998 u fid-9 ta' Novembru 1999; li z-zwieg thassar irrimedjabbilment minhabba adulterju u abbandun da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba nkompattibilita' ta' karattru; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija unika tal-konvenuta; [2] li tafda l-kura u kustodja tat-

tfal minuri f' idejn l-attur; [3] li tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16; [4] li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha, u tinnomina Nutar biex jircevi l-att opportun; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati; kif ukoll ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Sandra Sladden, minnha debitament mahluf;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta, kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi mhux kontraddetti rrizultaw is-segwenti fatti. Il-partijiet, li dak iz-zmien kienu joqghodu New York, izzewgu fil-5 ta' Gunju 1988, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sitt xhur, u meta l-konvenuta skopriet li hi kienet harget tqila. Matul il-konvivenza fl-Amerika twieldu zewgt itfal, Alyssa C u Brandon, rispettivament fil-15 ta' Ottubru 1998 u fid-9 ta' Novembru 1999. F' dak iz-zmien il-partijet kienu jghixu fl-Amerika, flimkien mal-genituri ta' l-attur. Eventwalment il-partijiet nizlu Malta u bdew jghixu Ghawdex.

Illi fl-10 ta' April 2001 il-konvenuta, habta u sabta, u ad insaputa ta' l-attur u ta' niesu, telqet mid-dar konjugali bit-tfal u marret l-Amerika, fejn f' dak iz-zmien kien ghad hemm omm l-attur. Il-konvenuta qalet lill-omm l-attur li hi

ma riditx taf aktar b' zewgha u kienet ser tibda hajja gdida fl-Amerika bit-tfal tal-partijiet.

Illi mill-provi ma jirrizultax li l-attur ha passi taht il-Hague Convention 1984 inkorporata fil-ligi lokali fil-Kapitolu 410, biex jottjeni ordni ghar-ritorn tat-tfal; izda fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Frar 2006 huwa jghid li sa llum ghad ma ghandu ebda kuntatt mal-konvenuta, u lanqas ghandu l-indirizz taghha. Jghid li ommu, li toqghod l-Amerika, saret taf li l-konvenuta kienet akkwistat 'restraint order' fuq it-tfal sabiex temporanjament dawn ikunu fil-kustodja taghha. "Wara r-restraining order temporanja, eventwalment harget wahda permanenti, u dan sirt nafu tramite l-Ambaxxjata. Dan kien f' xi Frar 2003. Lanqas f' dan iz-zmien ma hadtx passi legali."[1]

Fl-istess depozizzjoni jghid li z-zwieg tieghu kien gie annullat mill-Qorti Civili ta' Malta, u dan fis-27 ta' Novembru 2003 [Cit.294/2003].

L-attur jghid li martu qatt ma hadet hsieb il-familja, u qatt ma refghet ir-responsabbilita' taz-zwieg, tant li hafna affarijiet, bhal ikel u hasil tal-hwejjeg, kienu jaghmluh il-genituri tieghu. Jghid li meta zzewgu, il-konvenuta diga' kellha zewgt itfal minn relazzjonijiet ohra; u li llum-il gurnata hi ghandha relazzjoni ma' mara ohra. Jghid li, mill-internet skopra li fil-prezent martu qeda taghmel xoghol konness mas-sess.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta l-konvenuta abbandunat ghal kollox lill-attur, u siefret lejn l-Amerika sabiex tibda hajja gdida hemmhekk. Dan jimporta l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taghha. Ghalhekk hi ghandha tigi meqjusa unikament hatja tas-separazzjoni

**Kura u Kustodja**

Illi f' dwar dan l-aspett tal-kawza, din il-Qorti trid timxi b' certu kawtela, stante [1] li mill-provi jirrizulta li t-tfal ilhom

[1] Fol.56

hafna zmien jghixu gewwa l-Amerika flimkien ma' ommhom, u li jidher li llum huma ghandhom il-post ta' residenza abitwali taghhom hemmhekk; [2] inoltre, hemm ordni tal-qrati Amerikani, u cioe' tal-post fejn jirrisjedu t-tfal, dwar il-kura u kustodja taghhom; u, ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha ulterjorment in propozitu, stante li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri tidher li tinsab determinata mill-qrati tal-post fejn jirrisjedu l-minuri. Ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Din tikkonsisti f' vettura ta' l-ghamla Renault Scenic numru MAD 409li nxtrat mill-attur fis-sena 2000, mill-flus li selfu huh.

Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tassenja din il-vettura fl-intier taghha lill-attur, bl-obbligu li jhallas id-dejn kollu gravanti l-istess vettura.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, ghar-raguni fuq indikata;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-kwistjoni tal-kura u kustodja diga' giet deciza minn Qorti ohra, tal-post fejn it-tfal ghandhom ir-residenza abitwali taghhom;

[3] tilqa' t-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba' talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mill-10 ta' April 2001, u tordna li din tigi likwidata u assenjata kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[5] tichad il-hames talba, stante li hi superfluwa.

L-ispejjez kollha, hlief tal-hames talba, jkunu kollha a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-hames talba ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur; ukoll tordna li l-ispejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------